MALTA

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 722/2008

Bank of Valletta plc.

vs

Carmen Bezzina

It-Tribunal

Ra l-Avviz tal-Bank attrici li talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara lill-konvenuta debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf u tlett Euro u disgha u tmenin centezmu (€1,003.89), bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* tal-konvenuta Carmen Bezzina mal-Bank of Valletta plc., flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Settembru, 2008 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata fis-27 ta' Settembru, 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru.

Illi, interpellata sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

It-Tribunal ra n-nota ta’ ammissjoni pprezentata mill-konvenuta fil-11 ta’ Novembru, 2008.

In vista li l-konvenuta qed tammetti li hija debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elf u tlett Euro u disgha u tmenin centezmu (€1,003.89), bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account*, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

< Sentenza Finali >

----------TMIEM----------